SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża)

7 ta’ Novembru 2014*

“Għajnuna mill-Istat — Dispożizzjonijiet dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji li jippermettu lill-impriżi ddomiċiljati fi Spanja għall-finijiet ta’ taxxa jamortizzaw l-avvjament li jirriżulta minn akkwisti ta’ ishma f’impriżi ddomiċiljati barra mill-pajjiż għall-finijiet ta’ taxxa — Deċiżjoni li tikklassifika din l-iskema bħala għajnuna mill-Istat, li tiddikjara din l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Kunċett ta’ għajnuna mill-Istat — Natura selettiva — Identifikazzjoni ta’ kategorija ta’ impriżi vantaġġati mill-miżura — Assenza — Ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE”

Fil-Kawża T-399/11,

**Banco Santander, SA**, stabbilita f’Santander (Spanja),

**Santusa Holding, SL**, stabbilita f’Boadilla del Monte (Spanja),

irrappreżentati inizjalment minn J. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro, M. Muñoz de Juan u R. Calvo Salinero, sussegwentement minn J. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro u R. Calvo Salinero, avukati,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn R. Lyal, C. Urraca Caviedes u P. Němečková, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/282/UE, tat-12 ta’ Jannar 2011, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta’ ishma barranin Nru C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU L 135, p. 1),

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża),

komposta minn M. E. Martins Ribeiro, President, N. J. Forwood, E. Bieliūnas, S. Gervasoni (Relatur) u L. Madise, Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta’ April 2014,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

*Il-proċedura amministrattiva*

1 Permezz ta' diversi mistoqsijiet bil-miktub magħmula fl-2005 u fl-2006 (E-4431/05, E-4772/05, E-5800/06 u P-5509/06), xi Membri tal-Parlament Ewropew staqsew lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat tad-dispożittiv previst mill-Artikolu 12(5) introdott fil-liġi Spanjola dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji mil-Ley 24/2001, de Medidas Fiscales, Administrativas y del Orden Social (Liġi 24/2001, li tadotta miżuri fiskali, amministrattivi u ta' natura soċjali), tas-27 ta' Diċembru 2001 (BOE Nru 313, tal-31 ta' Diċembru 2001, p. 50493), u riprodott mir-Real Decreto Legislativo 4/2004, por el que se aprueba el texto refundido de la Ley del Impuesto sobre Sociedades (Digriet Leġiżlattiv Irjali 4/2004, li japprova t-test rivedut tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji), tal-5 ta' Marzu 2004 (BOE Nru 61, tal-11 ta' Marzu 2004, p. 10951) (iktar 'il quddiem l-"iskema kontenzjuża" jew il-"miżura kontenzjuża"). Il-Kummissjoni essenzjalment irrispondiet li, skont informazzjoni li kellha, l-iskema kontenzjuża ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

2 Permezz ta' ittri tal-15 ta' Jannar u tas-26 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Spanjoli jipprovdulha informazzjoni sabiex tevalwa l-portata u l-effetti tal-iskema kontenzjuża. Permezz ta' ittri tas-16 ta' Frar u tal-4 ta' Ġunju 2007, ir-Renju ta' Spanja kkomunika lill-Kummissjoni l-informazzjoni li talbitu.

3 Permezz ta' faks tat-28 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni rċeviet ilment minn operatur privat li sostna li l-iskema kontenzjuża kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mas-suq komuni.

4 Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-iskema kontenzjuża.

5 Permezz ta' ittra tal-5 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet tar-Renju ta' Spanja dwar id-deċiżjoni tagħha li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Bejn it-18 ta' Jannar u s-16 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni rċeviet ukoll l-osservazzjonijiet ta' 32 terz interessat. Permezz ta' ittri tat-30 ta' Ġunju 2008 u tat-22 ta' April 2009, ir-Renju ta' Spanja ppreżenta l-kummenti tiegħu dwar l-osservazzjonijiet tat-terzi interessati.

6 Fit-18 ta' Frar 2008 kif ukoll fit-12 ta' Mejju u fit-8 ta' Ġunju 2009 ġew organizzati laqgħat tekniċi mal-awtoritajiet Spanjoli. Ġew organizzati wkoll laqgħat tekniċi oħra ma' wħud mit-32 terz interessat.

7 Permezz ta' ittra tal-14 ta' Lulju 2008 u permezz ta' posta elettronika tas-16 ta' Ġunju 2009, ir-Renju ta' Spanja ppreżenta informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni.

8 Il-Kummissjoni temmet il-proċedura, għal dak li jikkonċerna l-akkwisti ta' ishma mwettaq fi ħdan l-Unjoni Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni 2011/5/KE, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU 2011, L 7, p. 48).

9 Il-Kummissjoni ddikjarat li l-iskema kontenzjuża hija inkompatibbli mas-suq komuni, liema skema tikkonsisti fi vantaġġ fiskali li jippermetti lill-kumpanniji Spanjoli jamortizzaw l-avvjament li jirriżulta minn akkwisti ta' ishma f'impriżi barranin, meta din tapplika għal akkwisti ta' ishma f'impriżi stabbiliti fi ħdan l-Unjoni.

10 Il-Kummissjoni żammet miftuħa l-proċedura għal dak li jirrigwarda l-akkwisti ta' ishma mwettqa barra mill-Unjoni, filwaqt li l-awtoritajiet Spanjoli impenjaw ruħhom li jipprovdu elementi ġodda dwar l-ostakli għall-amalgamazzjonijiet transkonfinali barra mill-Unjoni.

11 Ir-Renju ta' Spanja għadda lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-investimenti diretti mwettqa minn kumpanniji Spanjoli barra mill-Unjoni fit-12, fis-16 u fl-20 ta' Novembru 2009 u fit-3 ta' Jannar 2010. Il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet minn diversi partijiet interessati.

12 Fis-27 ta' Novembru 2009 kif ukoll fis-16 u fid-29 ta' Ġunju 2010, saru laqgħat tekniċi bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Spanjoli.

*Id-deċiżjoni kkontestata*

13 Fit-12 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/282/UE, tat-12 ta' Jannar 2011, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin Nru C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU L 135, p. 1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). Din id-deċiżjoni, fil-verżjoni tagħha ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kellha bħala suġġett korrettiv tat-3 ta' Marzu 2011. Hija kienet is-suġġett ta' korrettiv ieħor ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fis-26 ta' Novembru 2011.

14 Il-miżura kontenzjuża tipprevedi li, fil-każ ta' akkwist minn impriża taxxabbli fi Spanja ta' sehem f'"impriża barranija", jekk dan l-akkwist huwa mill-inqas ta' 5 % u jekk dan is-sehem jinżamm għal perjodu mhux interrott ta' mill-inqas sena, l-avvjament li jirriżulta minn dan l-akkwist ta' sehem, irreġistrat fil-kontijiet tal-impriża bħala attiv intanġibbli distint, jista' jitnaqqas, fil-forma ta' amortizzazzjoni, mill-bażi taxxabbli tat-taxxa fuq il-kumpanniji li l-impriża għandha tħallas. Il-miżura kontenzjuża tippreċiża li, sabiex tiġi kklassifikata bħala "kumpannija barranija", kumpannija għandha tkun suġġetta għal taxxa simili għat-taxxa applikabbli fi Spanja u d-dħul tagħha għandu joriġina essenzjalment mit-twettiq ta' attivitajiet barra mill-pajjiż (premessa 30 tad-deċiżjoni kkontestata).

15 Mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, skont il-liġi Spanjola, kombinament ta' negozji għandha tfisser operazzjoni fejn impriża waħda jew iktar jittrasferixxu, meta dawn jiġu xolti mingħajr ma jiġu stralċjati, l-assi u r-responsabbiltajiet kollha tagħhom lil kumpannija eżistenti oħra jew lil kumpannija li huma jifformaw inkambju għall-ħruġ fil-konfront tal-azzjonisti tagħhom ta' titoli li jirrappreżentaw il-kapital ta' dik l-impriża l-oħra (premessa 32 tad-deċiżjoni kkontestata).

16 L-akkwist ta' sehem huwa ddefinit fid-deċiżjoni kkontestata bħala tranżazzjoni li permezz tagħha impriża waħda takkwista l-ishma fil-kapital ta' impriża oħra mingħajr ma tikseb maġġoranza jew il-kontroll tad-drittijiet tal-vot tal-impriża akkwistata (premessa 32 tad-deċiżjoni kkontestata).

17 Barra minn hekk, fid-deċiżjoni kkontestata hemm indikat li, skont il-miżura kontenzjuża, l-avvjament finanzjarju jiġi determinat billi jitnaqqas il-valur tas-suq tal-attiv tanġibbli u intanġibbli tal-impriża akkwistata mill-prezz imħallas għall-akkwist tas-sehem. Hemm ippreċiżat ukoll li l-kunċett ta' avvjament finanzjarju, kif stabbilit fil-miżura kontenzjuża, jintroduċi fil-qasam tal-akkwisti ta' ishma kunċett li normalment jintuża fit-trasferiment tal-attiv jew fi tranżazzjonijiet ta' kombinament ta' negozji (premessa 29 tad-deċiżjoni kkontestata).

18 Fl-aħħar nett, għandu jiġi osservat li, skont id-dritt fiskali Spanjol, akkwist minn impriża taxxabbli fi Spanja ta' sehem f'kumpannija stabbilita fi Spanja ma jippermettix li l-avvjament li jirriżulta minn dan l-akkwist jiġi, għall-finijiet tat-taxxa, irreġistrat separatament fil-kontijiet. Min-naħa l-oħra, dejjem skont id-dritt fiskali Spanjol, l-avvjament jista' jiġi amortizzat biss wara kombinament ta' negozji (premessa 28 tad-deċiżjoni kkontestata).

19 Id-deċiżjoni kkontestata tiddikjara li l-iskema kontenzjuża hija inkompatibbli mas-suq intern, meta din tapplika għal akkwisti ta' ishma f'impriżi stabbiliti fi ħdan l-Unjoni (Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata). L-Artikolu 4 ta' din id-deċiżjoni tipprevedi, b'mod partikolari, l-irkupru mir-Renju ta' Spanja tal-għajnuna mogħtija.

## Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

20 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Lulju 2011, ir-rikorrenti, Banco Santander, SA u Santusa Holding, SL, ippreżentaw dan ir-rikors.

21 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn dan jiddikjara li l-iskema kontenzjuża tinkludi elementi ta' għajnuna mill-Istat;

— sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn dan jiddikjara li l-iskema kontenzjuża tinkludi elementi ta' għajnuna mill-Istat meta tiġi applikata għal akkwisti ta' ishma li jimplikaw teħid ta' kontroll;

— sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn dan jipprevedi l-irkupru ta' għajnuna għat-tranżazzjonijiet imwettqa qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fil-Ġurnal Uffiċjali;

— sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata u, sussidjarjament, l-Artikolu 4 tiegħu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet ikopru tranżazzjonijiet imwettqa fl-Istati Uniti, fil-Messiku u fil-Brażil;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

22 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

## Id-dritt

*Fuq it-talbiet intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata*

23 Fil-kuntest tat-talbiet intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti jikkontestaw il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat stabbilita fid-deċiżjoni kkontestata mill-Kummissjoni fir-rigward tal-iskema kontenzjuża. Huma jqajmu, essenzjalment, ħames motivi insostenn ta' dawn it-talbiet, l-ewwel wieħed ibbażat fuq żball ta' liġi fl-applikazzjoni mill-Kummissjoni tal-kundizzjoni dwar is-selettività, it-tieni wieħed ibbażat fuq żball fl-identifikazzjoni tas-sistema ta' referenza, it-tielet wieħed ibbażat fuq assenza ta' selettività tal-miżura minħabba l-fatt li d-distinzjoni li hija tagħmel tirriżulta min-natura jew mill-istruttura tas-sistema li minnha hija tagħmel parti, ir-raba' wieħed ibbażat fuq il-fatt li l-miżura ma tagħti ebda vantaġġ lill-kumpanniji li għalihom tapplika l-iskema kontenzjuża u, il-ħames wieħed ibbażat, għal dak li jirrigwarda kemm l-kriterju dwar is-selettività kif ukoll dak dwar l-eżistenza ta' vantaġġ, fuq nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata.

24 Għandu jiġi eżaminat qabelxejn l-ewwel motiv.

25 Ir-rikorrenti jsostnu li l-iskema kontenzjuża ma għandhiex natura selettiva fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u li fir-realtà tikkostitwixxi miżura ġenerali li tista' tapplika għal kull impriża taxxabbli fi Spanja. Għaldaqstant, il-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE meta ddeċidiet favur is-selettività tal-miżura kontenzjuża.

26 Ir-rikorrenti jżidu li hija l-Kummissjoni li għandha tagħti prova tal-eżistenza ta' kategorija ta' impriżi li għalihom kienet irriżervata l-miżura kontenzjuża, liema obbligu hija ma ssodisfatx.

27 Il-Kummissjoni ssostni li l-analiżi tan-natura selettiva mwettqa fid-deċiżjoni kkontestata hija konformi mal-ġurisprudenza, għaliex hija tiffoka fuq id-definizzjoni tal-kuntest ta' referenza rilevanti u tkompli billi tikkonstata l-eżistenza ta' eċċezzjoni maħluqa mill-miżura kontenzjuża.

28 Il-Kummissjoni tibbaża ruħha wkoll fuq l-eżistenza ta' analoġija bejn vantaġġ mogħti fil-każ ta' esportazzjoni ta' kapital, kif inhu l-każ għal dak li jirrigwarda l-miżura kontenzjuża, u vantaġġ mogħti fil-każ ta' esportazzjoni ta' oġġetti, f'liema ipoteżi diġà ġie deċiż li tali vantaġġ jikkostitwixxi miżura selettiva.

29 Qabel ma tiġi eżaminata, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, il-fondatezza ta' dan il-motiv, għandu jiġi ppreċiżat, wara li tfakkar li s-selettività hija wieħed mill-kriterji li jippermettu li miżura tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat, liema kundizzjonijiet għandhom jiġu ssodisfatti sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi ġustament favur is-selettività ta' miżura.

Kriterji ta' rikonoxximent tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat

30 Skont l-Artikolu 107(1) TFUE:

"Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

31 Skont il-ġurisprudenza, il-klassifikazzjoni bħala għajnuna teħtieġ li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 107(1) TFUE (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, Ġabra p. I-7747, punt 74, u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 L-Artikolu 107(1) TFUE jissuġġetta l-klassifikazzjoni ta' miżura nazzjonali bħala għajnuna mill-Istat għall-kundizzjonijiet segwenti: il-finanzjament ta' tali miżura mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, l-eżistenza ta' vantaġġ għal kumpannija, is-selettività tal-imsemmija miżura kif ukoll l-effett ta' din tal-aħħar fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta minnha (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Ġunju 2006, Air Liquide Industries Belgium, C-393/04 u C-41/05, Ġabra p. I-5293, punt 28).

Metodu ta' analiżi applikabbli għas-selettività fil-qasam fiskali

33 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Artikolu 107(1) TFUE jimponi l-obbligu li jiġi stabbilit jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, miżura nazzjonali hijiex tali li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi" meta mqabbla ma' oħrajn, li jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex mill-imsemmija sistema, f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-88/03, Ġabra p. I-7115, punt 54, u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of

Gibraltar u Ir-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, Ġabra p. I-11113, punt 75, u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Jannar 2013, Salzgitter vs Il-Kummissjoni, T-308/00 RENV, li Ġabra, punt 116).

34 Id-determinazzjoni tas-sistema legali rilevanti, ikklassifikata bħala "kuntest ta' referenza", għandha importanza ikbar fil-każ ta' miżuri fiskali għaliex l-eżistenza nfisha ta' vantaġġ tista' tiġi stabbilita biss billi tiġi mqabbla ma' tassazzjoni msejħa "normali" (sentenza Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, punt 33 iktar 'il fuq, punt 56).

35 Sabiex jiġi evalwat jekk miżura fiskali hijiex selettiva, għandu għalhekk jiġi eżaminat jekk, fid-dawl tal-kuntest ta' referenza, l-imsemmija miżura tikkostitwixxix vantaġġ għal ċerti impriżi meta mqabbla ma' oħrajn li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli (sentenza Il-Portugal vs Il-Kummissjoni, punt 33 iktar 'il fuq, punt 56).

36 Madankollu, anki meta, fi ħdan il-kuntest ta' referenza, ikun jidher li hemm tali differenza fi trattament bejn sitwazzjonijiet fattwali u ġuridiċi komparabbli, hija ġurisprudenza stabbilita li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat ma jirreferix għall-miżuri tal-Istat li jagħmlu distinzjoni bejn impriżi u, għaldaqstant, *a priori* selettivi, meta din id-distinzjoni tirriżulta min-natura jew mill-istruttura tas-sistema ta' spejjeż li jagħmlu parti minnha (sentenza Il-Portugal vs Il-Kummissjoni, punt 33 iktar 'il fuq, punt 52).

37 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-klassifikazzjoni ta' miżura fiskali nazzjonali bħala "selettiva" tippreżumi, fl-ewwel stadju, l-identifikazzjoni u l-eżami minn qabel tas-sistema fiskali komuni jew "normali" applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat. Huwa fil-konfront ta' din is-sistema fiskali komuni jew "normali" li għandha, fit-tieni stadju, tiġi evalwata l-eventwali natura selettiva tal-vantaġġ mogħti mill-miżura fiskali inkwistjoni, u dan filwaqt li jiġi żgurat li din il-miżura tidderoga mill-imsemmija sistema komuni sa fejn hija tiddistingwi bejn operaturi li, fid-dawl tal-għan marbut mas-sistema fiskali ta' dan l-Istat Membru, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli (sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2012, British Aggregates vs Il-Kummissjoni, T-210/02 RENV, Ġabra, punt 49). Skont il-każ, fit-tielet stadju hekk lok li jiġi eżaminat jekk Stat Membru inkwistjoni jkunx irnexxielu jistabbilixxi li din il-miżura hija ġġustifikata min-natura u mill-istruttura tas-sistema li minnha hija tagħmel parti (sentenza Il-Portugal vs Il-Kummissjoni, punt 33 iktar 'il fuq, punt 53).

Identifikazzjoni neċessarja ta' kategoriji ta' impriżi vantaġġati mill-miżura inkwistjoni

38 Il-kriterju dwar is-selettività ta' miżura jippermetti li ssir distinzjoni bejn l-għajnuna mill-Istat u l-miżuri ġenerali ta' politika fiskali jew ekonomika applikati mill-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Air Liquide Industries Belgium, punt 32 iktar 'il fuq, punt 32).

39 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li n-natura selettiva ta' miżura tista' tinżamm anki meta l-applikazzjoni tagħha ma kinitx limitata għas-settur ta' attività ddelimitat speċifikament.

40 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fl-ipoteżi fejn settur ta' attività kien "essenzjalment kopert" minn miżura, saħansitra meta diversi setturi kienu koperti (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 1990, COFAZ vs Il-Kummissjoni, C-169/84, Ġabra p. I-3083, punti 22 u 23, u tal-20 ta' Novembru 2003, GEMO, C-126/01, Ġabra p. I-13769, punti 37 sa 39).

41 Il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet ukoll li miżura li tapplika fil-konfront ta' impriżi li jipproduċu beni materjali kienet selettiva (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Novembru 2001, Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke, C-143/99, Ġabra p. I-8365, punt 40).

42 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li miżura li tivvantaġġa biss impriżi li jinsabu f'settur ġeografiku ddelimitat titlef in-natura tagħha ta' miżura ġenerali ta' politika fiskali jew ekonomika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-156/98, Ġabra p. I-6857, punt 23).

43 Il-Qorti Ġenerali kklassifikat wkoll bħala selettiva miżura applikabbli għal perijodu limitat. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li miżura li, fid-dawl tal-perijodu qasir mogħti lill-impriżi sabiex jieħdu l-passi li jippermettu li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet bil-għan li jibbenefikaw minn tali miżura, kienet *de facto* aċċessibbli biss għall-impriżi li kienu diġà bdew jieħdu l-passi inkwistjoni, għal dawk l-impriżi li kienu għall-inqas ħasbu li jibdew jagħmlu dan jew għal dawk li kienu lesti jieħdu tali inizjattiva fi żmien qasir ħafna, kienet selettiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Settembru 2009, L-Italja vs Il-Kummissjoni, T-211/05, Ġabra p. II-2777, punti 120 u 121).

44 Meta l-kategorija tal-benefiċjarji tal-għajnuna tkun partikolarment wiesgħa jew varjata, kultant ma hijiex daqstant id-delimitazzjoni ta' din il-kategorija li hija determinanti sabiex jiġi evalwat jekk il-miżura inkwistjoni għandhiex natura selettiva iżda iktar dik tal-impriżi esklużi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2000, CETM vs Il-Kummissjoni, T-55/99, Ġabra p. II-3207, punti 39, 40 u 47).

45 Mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 31 sa 44 iktar 'il fuq jirriżulta li d-determinazzjoni ta' kategorija ta' impriżi li huma l-uniċi vantaġġati mill-miżura inkwistjoni hija kundizzjoni neċessarja għar-rikonoxximent tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat.

46 Tali interpretazzjoni tal-kunċett ta' selettività hija konformi mal-formulazzjoni stess tal-Artikolu 107(1) TFUE li jipprevedi li l-vantaġġ għandu jiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi".

47 Barra minn hekk, hekk kif ġie osservat fil-punti 33 sa 37 iktar 'il fuq, meta tirreferi għall-metodu ta' analiżi deskritt f'dawn il-punti, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-Artikolu 107(1) TFUE jimponi l-obbligu li jiġi stabbilit jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, miżura nazzjonali hijiex tali li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi" meta mqabbla ma' oħrajn, li jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex mill-imsemmija sistema, f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli (sentenza Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, punt 33 iktar 'il fuq, punt 54).

48 Issa, meta l-miżura inkwistjoni, anki jekk tkun tikkostitwixxi deroga għas-sistema fiskali komuni jew "normali", tkun potenzjalment aċċessibbli għall-impriżi kollha, ma tistax titwettaq l-operazzjoni li permezz tagħha jsir paragun, fid-dawl tal-għan imfittex mis-sistema komuni jew "normali", bejn is-sitwazzjoni legali u fattwali ta' impriżi li jistgħu jibbenefikaw mill-miżura u dik ta' impriżi li ma jistgħux jibbenefikaw minnha.

49 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li, sabiex il-kundizzjoni għal selettività tiġi ssodisfatta, kategorija ta' impriżi, li huma l-uniċi vantaġġati mill-miżura inkwistjoni, għandha f'kull każ tiġi identifikata u li, fl-ipoteżi msemmija fil-punt 48 iktar 'il fuq, is-selettività ma tistax tirriżulta mill-konstatazzjoni biss li tkun ġiet stabbilita deroga għal sistema fiskali komuni jew "normali".

50 Barra minn hekk, hija l-Kummissjoni li għandha turi li miżura tiddistingwi bejn impriżi li jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex, f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-279/08 P, Ġabra p. I-7671, punt 62).

51 Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, punt 50 iktar 'il fuq (punt 63), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet suffiċjentement, fid-deċiżjoni kkontestata, li kien biss grupp speċifiku ta' impriżi industrijali kbar li kienu attivi fil-kummerċ bejn l-Istati Membri li

kienu jibbenefikaw minn vantaġġ li ma kienx disponibbli għal impriżi oħra. Il-Kummissjoni għalhekk irnexxielha turi, fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza, li l-miżura inkwistjoni kienet tapplika b'mod selettiv fil-konfront ta' ċerti impriżi jew ta' ċerti produtturi.

52 Bl-istess mod, fis-sentenza Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, punt 33 iktar 'il fuq (punt 96), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet suffiċjentement, fid-deċiżjoni kkontestata, li ċerti impriżi, il-kumpanniji "offshore", kienu qed jibbenefikaw minn vantaġġi selettivi.

53 Għaldaqstant, f'dan il-każ għandu jiġi evalwat jekk il-motivi differenti li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuqhom fid-deċiżjoni kkontestata sabiex tiddeċiedi favur is-selettività tal-miżura kontenzjuża, ripetuti minnha matul il-proċedura ġudizzjarja, jippermettux li tiġi stabbilita n-natura selettiva ta' din il-miżura.

54 L-ewwel nett, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, sabiex tiddeċiedi favur is-selettività tal-miżura kontenzjuża, ibbażat ruħha prinċipalment fuq l-eżistenza ta' deroga fir-rigward ta' kuntest ta' referenza. Fil-fatt, hija indikat li l-kuntest ta' referenza li hija użat għall-evalwazzjoni tan-natura selettiva tal-miżura inkwistjoni kienet kkostitwita "mis-sistema tat-taxxa korporattiva Spanjola ġenerali, u iżjed preċiżament, mir-regoli dwar it-trattament tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju li hemm fis-sistema tat-taxxa" (premessa 118 tad-deċiżjoni kkontestata). Hija qieset, b'mod "preliminari u fuq bażi sussidjarja", li l-miżura kontenzjuża kienet tikkostitwixxi eċċezzjoni għas-sistema tal-kontabbiltà Spanjola (premessa 121 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, hija osservat li l-miżura kontenzjuża kellha bħala konsegwenza li tapplika fil-konfront ta' impriżi taxxabbli fi Spanja li jakkwistaw ishma f'kumpanniji stabbiliti barra mill-pajjiż trattament fiskali differenti minn dak applikat fil-konfront ta' impriżi taxxabbli fi Spanja li jakkwistaw ishma f'kumpanniji stabbiliti fi Spanja, minkejja li dawn iż-żewġ kategoriji ta' impriżi kienu jinsabu f'sitwazzjonijiet komparabbli (premessi 122 u 136 tad-deċiżjoni kkontestata). Billi bbażat ruħha fuq tali differenza fit-trattament, il-Kummissjoni wasslet għall-konklużjoni li l-miżura kontenzjuża kienet "tidderoga mis-sistema ta' referenza" (premessa 125 tad-deċiżjoni kkontestata).

55 Għalhekk il-Kummissjoni applikat, fid-deċiżjoni kkontestata, il-metodu ta' analiżi deskritt fil-punti 33 sa 37 iktar 'il fuq.

56 Issa, hekk kif ir-rikorrenti ssostni ġustament, l-applikazzjoni tal-metodu ta' analiżi deskritt fil-punti 33 sa 37 iktar 'il fuq ma tistax, f'dan il-każ, twassal għall-konstatazzjoni tas-selettività tal-miżura kontenzjuża. Fil-fatt, l-eżistenza, anki jekk jiġi preżunt li hija stabbilita, ta' deroga jew eċċezzjoni għall-kuntest ta' referenza identifikat mill-Kummissjoni ma tippermettix, fiha nfisha, li jiġi stabbilit li l-miżura kontenzjuża tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi" fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, peress li din il-miżura hija aċċessibbli, *a priori*, għal kull impriża.

57 Fil-fatt, għandu jiġi osservat qabelxejn li l-miżura kontenzjuża tapplika għal kull akkwist ta' ishma ta' mill-inqas 5 % f'kumpanniji barranin li jinżammu b'mod mhux interrott għal mill-inqas sena. Għaldaqstant, hija ma tkopri ebda kategorija partikolari ta' impriżi jew produtturi, iżda kategorija ta' tranżazzjonijiet ekonomiċi.

58 Huwa minnu li, f'ċerti każijiet, impriżi jistgħu jiġu esklużi, *de facto*, mill-kamp ta' applikazzjoni ta' miżura li madankollu tikkostitwixxi miżura ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Diċembru 1969, Il-Kummissjoni vs Franza, 6/69 u 11/69, Ġabra p. 523, punti 20 u 21, u Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, punt 33 iktar 'il fuq, punti 101 u 107).

59 F'dan il-każ, sabiex tibbenefika mill-miżura kontenzjuża, impriża għandha takkwista ishma f'kumpannija barranija (premessi 26 u 32 tad-deċiżjoni kkontestata).

60 Għandu jiġi osservat li tali tranżazzjoni, purament finanzjarja, ma timponix, *a priori*, fuq l-impriża akkwirenti l-obbligu li tibdel l-attività tagħha u, barra minn hekk, jimplika biss, bħala prinċipju, għal din l-impriża, responsabbiltà limitata għall-investiment imwettaq.

61 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li miżura li l-applikazzjoni tagħha hija indipendenti min-natura tal-attività tal-impriżi ma hijiex, *a priori*, selettiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke, punt 41 iktar 'il fuq, punt 36).

62 Barra minn hekk, il-miżura kontenzjuża ma tiffissa ebda ammont minimu li jikkorrispondi għal-limitu minimu ta' 5 % ta' ishma msemmi fil-punt 57 iktar 'il fuq u għalhekk ma tirriżervax *de facto* l-benefiċċju tagħha għal impriżi li jkollhom riżorsi finanzjarji suffiċjenti għal dan il-għan kuntrarjament għall-miżura inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2009, Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni (T-227/01 sa T-229/01, T-265/01, T-266/01 u T-270/01, Ġabra p. II-3029, punti 161 u 162).

63 Fl-aħħar nett, il-miżura kontenzjuża tipprevedi li vantaġġ fiskali jingħata abbażi ta' kundizzjoni marbuta mal-akkwist ta' beni ekonomiċi partikolari, jiġifieri ishma f'kumpanniji barranin.

64 Issa, fis-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, punt 42 iktar 'il fuq (punt 22), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tnaqqis fiskali li minnu jibbenefikaw il-kontribwenti li jbigħu ċerti beni ekonomiċi u li jistgħu jnaqqsu l-benefiċċju li jirriżulta minn dan meta jakkwistaw ishma f'kumpanniji b'kapital azzjonarju li għandhom is-sede tagħhom f'ċerti reġjuni jagħti lil dawn il-kontribwenti vantaġġ li, bħala miżura ġenerali applikabbli mingħajr distinzjoni għall-operaturi ekonomiċi kollha, ma kienx jikkostitwixxi għajnuna fis-sens tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat.

65 Il-miżura kontenzjuża ma teskludi għalhekk, *a* priori, ebda kategorija ta' impriżi mill-benefiċċju tagħha.

66 Għaldaqstant, anki jekk jiġi preżunt li l-miżura kontenzjuża tikkostitwixxi deroga għall-kuntest ta' referenza użat mill-Kummissjoni, din iċ-ċirkustanza ma tikkostitwixxix, f'kull każ, motiv li jippermetti li jiġi stabbilit li l-imsemmija miżura tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi" fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

67 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni indikat li "l-miżura inkwistjoni [kienet] selettiva fis-sens li [kienet] tiffavorixxi biss ċerti gruppi ta' impriżi li [kienu] jwettqu ċertu investiment barra l-pajjiż" (premessa 102 tad-deċiżjoni kkontestata). Hija sostniet li miżura li tivvantaġġa biss lill-impriżi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li għalihom l-għoti tagħha kienet suġġetta kienet selettiva "fid-dritt", mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi żgurat li, permezz tal-effetti tagħha, ma setgħetx tagħti vantaġġ lil ċerti impriżi jew lil ċerti produtturi.

68 Madankollu, dan il-motiv l-ieħor tad-deċiżjoni kkontestata ma jippermettix bl-istess mod li tiġi stabbilita n-natura selettiva tal-miżura kontenzjuża.

69 Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 107(1) TFUE jiddistingwi bejn l-interventi statali skont l-effetti tagħhom (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, L-Italja vs Il-Kummissjoni, 173/73, Ġabra p. 709, punt 27, u tad-29 ta' April 2004, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, C-159/01, Ġabra p. I-4461, punt 51). Huwa għalhekk abbażi tal-effetti tal-miżura inkwistjoni li għandu jiġi evalwat jekk din il-miżura tikkostitwixxix għajnuna mill-Stat, b'mod partikolari għaliex hija selettiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, punt 33 iktar 'il fuq, punti 87 u 88).

70 Barra minn hekk, fis-sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, 3M Italia (C-417/10, Ġabra, punt 42), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li huma biss il-kontribwenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżura inkwistjoni f'din il-kawża li jistgħu jibbenefikaw minn din il-miżura ma jistax, fih innifsu, jagħtiha natura selettiva.

71 Fl-aħħar nett, fis-sentenza Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, punt 33 iktar 'il fuq (punti 103, 104 u 107), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kull trattament fiskali differenti ma jimplikax l-eżistenza ta' għajnuna u li kien neċessarju, sabiex trattament fiskali differenti jista' jiġi kklassifikat bħala għajnuna, li dan ikun jista' jidentifika kategorija partikolari ta' impriżi li jistgħu jiġu distinti abbażi ta' proprjetajiet speċifiċi.

72 Issa, l-approċċ propost mill-Kummissjoni jista', kuntrarjament għall-ġurisprudenza msemmija fil-punt 71 iktar 'il fuq, iwassal sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' selettività għal kull miżura fiskali fejn il-benefiċċju huwa suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, minkejja li l-impriżi benefiċjarji ma jaqsmu ebda karatteristika proprja li tippermetti li jiġu distinti minn impriżi oħra, minbarra l-fatt li huma jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li għalihom l-għoti tal-miżura hija suġġetta.

73 It-tielet nett, il-Kummissjoni sostniet, fil-premessa 154 tad-deċiżjoni kkontestata, li hija "[qieset] li anke f'dan il-każ, il-miżura kkontestata [kellha] l-għan li tiffavorixxi l-esportazzjoni tal-kapital barra minn Spanja, sabiex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-kumpaniji Spanjoli barra l-pajjiż, biex b'hekk tittejjeb il-kompetittività tal-benefiċjarji tal-iskema."

74 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li miżura statali li tagħti vantaġġ mingħajr distinzjoni lill-impriżi kollha li jinsabu fit-territorju nazzjonali ma tistax tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fid-dawl tal-kriterju tas-selettività (sentenza Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke, punt 41 iktar 'il fuq, punt 35).

75 Għaldaqstant, filwaqt li l-evalwazzjoni tal-kundizzjoni, stabbilita fl-Artikolu 107(1) TFUE u relatata mal-effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri tikkonsisti f'li jiġi eżaminat jekk l-impriżi jew il-produtturi ta' Stat Membru humiex vantaġġati meta mqabbla mal-impriżi jew mal-produtturi tal-Istati Membri l-oħra, il-kundizzjoni dwar is-selettività, stabbilita fl-istess paragrafu ta' dan l-artikolu, tista' tiġi evalwata biss fuq livell ta' Stat Membru wieħed u tirriżulta biss minn analiżi tad-differenza fit-trattament bejn l-impriżi jew il-produtturi ta' dan l-Istat Membru biss (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-73/03, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 28).

76 Għaldaqstant, il-fatt li miżura tkun tiffavorixxi lill-impriżi taxxabbli fi Stat Membru meta mqabbla mal-impriżi taxxabbli fl-Istati Membri l-oħra, b'mod partikolari għaliex din tkun tiffaċilita l-akkwist ta' ishma minn impriżi stabbiliti fi Stat Membru fil-kapital ta' impriżi stabbiliti barra mill-pajjiż, huwa irrilevanti għall-analiżi tal-kriterju ta' selettività.

77 Huwa minnu li, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza, punt 58 iktar 'il fuq (punt 20), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li vantaġġ mogħti "favur biss il-prodotti nazzjonali esportati sabiex dawn jiġu megħjuna jikkompetu fi Stati Membri oħra mal-prodotti li joriġinaw minn dawn tal-aħħar" kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Madankollu, din ir-referenza għall-prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħra kienet tirrigwarda l-kundizzjoni dwar l-effett fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ.

78 Din l-interpretazzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza, punt 58 iktar 'il fuq, hija sostnuta mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 1988, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (57/86, Ġabra p. 2855, punt 8), li fiha d-distinzjoni bejn prodotti nazzjonali u prodotti ta' Stati Membri oħra ma tidhirx fl-eżami tal-kriterju dwar is-selettività. Bl-istess mod, fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-501/00, Ġabra p. I-6717, punt 120), id-distinzjoni bejn prodotti nazzjonali u prodotti ta' Stati Membri oħra ma ttieħditx inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tas-selettività tal-miżura.

79 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-konstatazzjoni tas-selettività ta' miżura hija bbażata fuq differenza fit-trattament bejn kategoriji ta' impriżi li jaqgħu taħt il-leġiżlazzjoni tal-istess Stat Membru u mhux fuq differenza fit-trattament bejn l-impriżi ta' Stat Membru u dawk ta' Stati Membri oħra.

80 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li r-rabta, li tidher fil-premessa 154 tad-deċiżjoni kkontestata ċċitata fil-punt 73 iktar 'il fuq, bejn l-esportazzjoni tal-kapital u l-esportazzjoni ta' beni tippermetti biss, jekk jiġi preżunt li din hija stabbilita, li twassal għall-konstatazzjoni ta' effett fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ u mhux għal dik ta' selettività tal-miżura kontenzjuża, li għandha tiġi evalwat f'kuntest nazzjonali.

81 Ir-raba' nett, mill-ġurisprudenza invokata mill-Kummissjoni jista' jiġi dedott li l-qrati tal-Unjoni diġà aċċettaw li miżura fiskali tiġi kklassifikata bħala selettiva mingħajr ma jiġi stabbilit jekk il-miżura inkwistjoni kinitx tiffavorixxi kategorija partikolari ta' impriżi jew ta' produtturi, bl-esklużjoni ta' impriżi oħra jew ta' produtturi oħra.

82 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li rata ta' tnaqqis mill-ġdid preferenzjali fuq l-esportazzjoni, mogħtija minn Stat favur biss il-prodotti nazzjonali esportati sabiex dawn jiġu megħjuna jikkompetu fi Stati Membri oħra mal-prodotti li joriġinaw minn dawn tal-aħħar, kienet tikkostitwixxi għajnuna (sentenza Il-Kummissjoni vs Franza, punt 58 iktar 'il fuq, punt 20) u li r-rimbors ta' interessi fuq il-krediti ta' esportazzjoni (sentenza Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, punt 8) kif ukoll tnaqqis fiskali li jagħti vantaġġ biss lill-impriżi li għandhom attivitajiet ta' esportazzjoni u li jwettqu ċerti investimenti koperti mill-miżura inkwistjoni (sentenza tal-15 ta' Lulju 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, punt 120) kienu jissodisfaw il-kundizzjoni għal selettività.

83 Fit-tliet sentenzi ċċitati fil-punt 82 iktar 'il fuq, il-kategorija ta' impriżi benefiċjarji li tippermetti li jiġi deċiż favur is-selettività tal-miżura inkwistjoni kienet ikkostitwita mill-kategorija ta' impriżi esportaturi.

84 Issa, għandu jiġi kkunsidrat li l-kategorija ta' impriżi esportaturi, minkejja li hija estremament wiesgħa, kif inhi pereżempju l-kategorija ta' impriżi li jipproduċu beni materjali (ara l-punt 41 iktar 'il fuq), tgħaqqad flimkien l-impriżi li jistgħu jiġu distinti minħabba karatteristiċi komuni marbuta mal-attività tagħhom ta' esportazzjoni.

85 Il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 82 iktar 'il fuq, dwar l-impriżi li għandhom attivitajiet ta' esportazzjoni, ma tippermettix għalhekk li jiġi konkluż li l-qrati tal-Unjoni aċċettaw li miżura fiskali tiġi kklassifikata bħala selettiva fl-assenza ta' identifikazzjoni ta' kategorija partikolari ta' impriżi jew ta' produtturi li jistgħu jiġu distinti minħabba karatteristiċi speċifiċi.

86 Din l-analiżi ma hijiex ikkontestata mill-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-fatt li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-15 ta' Lulju 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, il-vantaġġ fiskali inkwistjoni kien jirrigwarda, b'mod partikolari, l-akkwist mill-ġdid ta' ishma ta' kumpanniji barranin. Fil-fatt, sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-vantaġġ inkwistjoni, l-impriżi kellhom jakkwistaw ishma f'kumpanniji marbuta direttament mal-attività ta' esportazzjoni ta' oġġetti jew ta' servizzi. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura kklassifikata bħala selettiva mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dik il-kawża ma kienx limitat għal tali akkwisti ta' ishma, iżda kien jinkludi wkoll attivitajiet oħra ta' esportazzjoni: il-ħolqien ta' fergħat jew ta' stabbilimenti permanenti barra mill-pajjiż, l-istabbiliment ta' sussidjarji marbuta direttament mal-attività ta' esportazzjoni ta' oġġetti u ta' servizzi, kif ukoll l-ispejjeż ta' reklamar għall-promozzjoni ta' prodotti, għall-ftuħ u għall-analiżi ta' swieq barranin u għall-parteċipazzjoni f'fieri, wirjiet u avvenimenti simili. Konsegwentement, il-vantaġġ miksub permezz tal-miżura inkwistjoni fil-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza kien, *a priori* kuntrarjament għall-każ ineżami, irriżervat għal ċerti impriżi, jiġifieri dawk li kellhom attivitajiet ta' esportazzjoni.

87 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx, permezz tal-motivi li fuqhom hija bbażat ruħha, li l-miżura kontenzjuża kienet selettiva.

88 Għaldaqstant, billi qieset li l-miżura kontenzjuża kienet selettiva, il-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE.

89 Għaldaqstant, il-motiv eżaminat huwa fondat. Konsegwentement, hemm lok, mingħajr ma hemm bżonn li jiġu eżaminati l-motivi l-oħra mqajma mir-rikorrenti insostenn tat-talbiet prinċipali tagħhom, li l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata.

*Fuq it-talbiet intiżi għall-annullament tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata*

90 It-talbiet tar-rikorrenti li jirrigwardaw speċifikament l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata huma bbażati fuq kritika dwar is-sistema tranżitorja prevista mid-deċiżjoni kkontestata għall-finijiet tal-irkupru tal-għajnuna inkwistjoni. Ir-rikorrenti jikkontestaw b'mod partikolari d-data li sservi bħala referenza sabiex jiġi ddeterminat liema għajnuna tista' tiġi rkuprata. Permezz tat-talbiet "sussidjarji" tagħhom intiżi kontra dan l-artikolu, ir-rikorrenti għandhom għalhekk l-intenzjoni li jillimitaw il-possibbiltajiet ta' rkupru tal-għajnuna mogħtija lilhom fil-każ li ma tkunx tneħħiet, abbażi tat-talbiet prinċipali tagħhom, kull possibbiltà ta' rkupru ta' din l-għajnuna. Għaldaqstant, it-talbiet prinċipali tar-rikorrenti għandhom jiftehmu neċessarjament bħala li huma intiżi li tinkiseb it-tneħħija ta' kull possibbiltà ta' rkupru tal-għajnuna u għaldaqstant, f'kull każ, l-annullament tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata.

91 Barra minn hekk, wieħed ikun partikolarment formalist jekk iqis li r-rikorrenti, permezz tat-talbiet prinċipali tagħhom, ma għandhomx l-intenzjoni jiksbu l-annullament tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata, li huwa l-bażi legali tal-irkupru tal-għajnuna, minkejja l-fatt li r-rikorrenti jistgħu jikkontestaw din id-deċiżjoni biss sa fejn ikun hemm ir-riskju li huma jiġu suġġetti għal miżura ta' rkupru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Ġunju 2011, Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, Ġabra p. I-4727, punt 56).

92 Konsegwentement, għandu jitqies li, għalkemm ir-rikorrenti jressqu talbiet intiżi għall-annullament tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata, li jirrigwarda l-irkupru tal-għajnuna, biss "b'mod sussidjarju", huma għandhom neċessarjament l-intenzjoni jiksbu, inkluż b'mod prinċipali, l-annullament tad-dispożizzjoni li hija l-bażi legali tal-irkupru tal-għajnuna li huma bbenefikaw minnha.

93 Issa, il-fondatezza tal-motiv eżaminat iktar 'il fuq relatat mal-assenza ta' selettività tal-miżura kontenzjuża twassal għall-annullament mhux biss tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, li jikkonstata l-eżistenza tal-għajnuna, iżda wkoll tal-Artikolu 4 ta' din id-deċiżjoni, li jipprevedi l-irkupru ta' din l-għajnuna.

**Fuq l-ispejjeż**

94 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mir-rikorrenti.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/282/UE, tat-12 ta' Jannar 2011, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin Nru C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja, huma annullati.**

2) **Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.**

| | | |
|---|---|---|
| Martins Ribeiro | Forwood | Bieliūnas |
| Gervasoni | | Madise |

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-7 ta' Novembru 2014.

Firem